**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 23**

**It-Tlieta, 11 ta' Novembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier (17.40) |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier (17.35) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**23.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**23.01.01** Xejn

**23.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 22)**

**23.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-minuti ta' seduta **22** ġew approvati unanimament.

**23.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**23.03.01** *Kaxxi tad-Dawl għall-Użu tal-Kunsill Lokali:* Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat kwotazzjoni rigward kaxxi tad-dawl li se jkunu qed dawl jintużaw għall-attivitajiet li jkunu organizzati mill-Kunsill stess. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li dawn il-kaxxi tad-dawl huma ta' investiment għall-Kunsill għaliex il-Kunsill se jiffranka li joqgħod jikrihom kull darba. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu u approvaw il-kwotazzjoni li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali.

**23.03.02** *Kwotazzjoni għall-festin żgħir għall-ħaddiema tal-Kunsill Lokali:* Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat 3 kwotazzjonijiet rigward festin żgħir għall-ħaddiema ġewwa l-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li għal din is-sena l-festin se jsir fil-ħin tal-break. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu u approvaw il-kwotazzjoni li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali.

**23.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**23.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li l-latrina ġewwa Triq Dun Pawl hija lesta kompletament. Is-Sindku John Schembri qal li issa hemm dawl u ilma u tista' tintuża kif suppost.

**23.04.02** Is-Sindku John Schembri qal li s-Soċjeta` Filarmonika Unjoni għamlet kuntatt miegħu sabiex ikun iffirmat ftehim bejn is-Soċjeta` Filarmonika Unjoni u l-Kunsill Lokali sabiex is-Soċjeta` tkun tista' tagħmel użu mill-Urban Improvement Funds u jkunu jistgħu jieħdu l-fondi kollha. Fuq proponiment tas-Sindku John Schembri u ssekondat mill-Kunsillier Frederick Aquilina kien hemm qbil unanimu li dan il-ftehim ikun iffirmat.

**23.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**23.05.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri jekk hux se jitkomplu x-xogħlijiet fi Triq Ċensu Decandia, G. Trigance u Indri Micallef. Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsillier Frederick Aquilina li dalwaqt se jerġgħu jibdew ix-xogħlijiet. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li huwa se jieġu azzjoni jekk idumu ma jsiru.

**23.05.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri jekk jafx dwar bozza maqtugħa faċċata tatl-296, Triq il-Ġdida. Is-Sindku John Schembri wieġeb lill-Kunsillier Frederick Aquilina u qallu li se jiċċekkja dwarha.

**23.05.03** Il-Kunsillier Frederick Aquilina għamel referenza għall-ħmieġ tal-klieb li qed ikun hawn mar-raħal kollu. Il-Kunsillier Frederick Aquilina sostna li hemm bżonn titqajjem aktar kuxjenza dwar dan l-aspett u r-residenti għandhom ikunu edukati biex dan il-ħmieġ tal-klieb ma jibqax problema.

**23.05.04** Il-Viċi Sindku Keith Bartolo għamel referenza għal Sqaq Nru 4 u qal li meta tagħmel ix-xita qed toħloq problema fi Triq Wied il-Knejjes. Is-Sindku John Schembri qal li se jkun qed ikellem lill-perit responsabbli mit-toroq u jara x'jista' jsir. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li se jkun qed jistenna li jingħata appuntament mal-Perit ikkonċernat sabiex jiltaqgħu fuq il-post. Is-Sindku John Schembri qal li se jagħmel talba sabiex isiru katusi fi Triq Wied il-Knejjes. Il-Kunsillier Frederick Aquilina għamel referenza għal culverts u qal li dawn saru ħżiena u li qed jaffettwaw Triq il-Karmnu.

**23.05.05** Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li għal sena oħra se jsir il-fuljett tal-Milied. Is-Sindku John Schembri kompla jispjega li kull Kunsillier irid jibagħat id-diskors tiegħu sabiex ikun inkluż f'dan il-fuljett. Is-Sindku John Schembri tenna li d-diskorsi bir-ritratt tagħhom għandhom jintbagħatu sal-aħħar ta' Novembru.

## 23.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**23.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li l-Customer Care tal-Kunsill Lokali se jibda juża' l-WhatsApp. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li dan is-servizz għalissa se jkun miftuħ għall-Kunsilliera biss. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li minn issa 'l hemm, xi Kunsillier li jkun irid jirrapporta ilment, jista' jagħmel dan b'mod dirett fuq in-numru pprovdut tal-WhatsApp.

**23.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li kull ħaġa li trid tinxtara se tibda ssir permezz ta' Purchase Order. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li mhux se tibqa' taċċetta li ħaddiema ta' barra, ġewwa jew Kunsilliera jmorru jordnaw affarijiet mingħajr Purchase Order. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li b'hekk ix-xiri li jsir mill-Kunsill Lokali jkun aktar trasparenti.

**23.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell talbet lill-Kunsilliera preżenti sabiex din is-sena jinxtraw dekorazzjonijiet ġodda tal-Milied għal Kunsill Lokali għaliex id-dekorazzjonijiet li hemm fil-Kunsill Lokali spiċċaw għaliex ilhom numru ta' snin. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li dawn id-dekorazzjonijiet imbagħad se jintrefgħu f'post sigur għas-sena d-dieħla. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw din il-proposta

## 23.07 Korrispondenza

**23.07.01** Is-Sindku John Schembri informal ill-Kunsilliera preżenti li l-Girl Guides fl-għeluq l-40 sena anniversarju tagħhom se jkunu qed jiċċelebrawh nhar l-24 ta' Mejju 2026. Il-Girl Guides talbu lill-Kunsilliera preżenti sabiex iżommu din id-data libera.

## 23.08 Estimi Finanzjarji 2026

**23.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li bdiet il-ħidma rigward l-Estimi Finanzjarji tas-sena 2026. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell

kompliet tgħid li dawn l-estimi finanzjarji tas-sena 2026 se jkunu ppreżentati fis-seduta li jmiss.

**23.09 Tenders 2026**

**23.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li għas-sena 2026 se jinħarġu numru ta' tenders li skadew. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret li se jkunu qed joħorġu tenders tal-bulky refuse, perit u avukat għall-Kunsill Lokali.

**23.10 Skema – Project Green**

**23.10.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa applika għal din l-iskema sabiex isir aktar tħawwil ta' siġar f'Ħal Farruġ fil-Family Park. Is-Sindku John Schembri tenna li fil-family park jitħawlu siġar taż-żebbuġ u rummien filwaqt li fiċ-ċimiterju ta' Valletta Road jitħawlu siġar taċ-ċitru. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

**23.11 Milied 2025**

**23.11.01** Is-Sindku John Schembri tenna li nhar il-21 ta' Diċembru, banda ta' każin minnhom tmur iddoqq Ħal Luqa, u kif tispiċċa l-ewwel banda, il-banda tal-każin l-ieħor tmur iddoqq f'Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri qal li għal din is-sena, il-Kunsill Lokali jagħmel użu miż-żewġ baned tal-lokal, anke f'każ ta' maltemp ma jintilfux dawn il-fondi.

**23.12 Skeda ta' Pagamenti u petty cash**

**22.11.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna, u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**23.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**23.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 3 ta' Diċembru 2025, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 3 ta' Diċembru 2025.**

**John Schembri** **Astrid Pell**

*Sindku* *Segretarju Eżekuttiv*